MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 353/2011

**F. Advertising Limited (C27689)**

**vs**

**Noemi Debattista**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici kif prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Ottubru, 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef, sitt mija u tmien Ewro (€6,608) rapprezentanti ammont dovut minnha in konnessjoni ma' servizzi debitament rezi fuq inkarigu taghha ai termini ta' skrittura privata ffirmata minnha u datata 1 ta' Gunju 2009.

Bl-ispejjez inkluzi dawn ta' l-ittra ufficcjali prezentata a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Mejju 2011 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat mal-istess ittra u bl-

imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-precitata ittra ufficcjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuta minn issa ingunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Noemi Debattista li giet prezentata fl-1 ta’ Dicembru 2011 fejn eccepiet:

*1. “Illi hemm lok ghal korrezzjoni fl-okkju u dan stante li l-eccipjenti ma jisimhiex Naomi Debattista izda Noemi Debattista.*
*2. Illi, fil-mertu it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici u dan stante li l-ammont mitlub huwa eccessiv kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Illi nhar is-17 ta’ Jannar 2012 xehed **Vincent Baldacchino** ghan-nom u fl-interess tas-socjeta’ attrici u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta’ attrici. Spjega illi l-kumpanija tieghu tirriklama proprjetajiet bin-numru tat-telefon direttament tas-sidien, liema riklami jkunu kemm f’*magazine* li jitqassam fid-djar, fuq it-television u kif ukoll fuq l-internet.

Spjega illi kienet cemplitilhom Noemi Debattista u kien sar *ftehim* bejnha u l-kumpanija sabiex jaghmlu reklamar ghal proprjeta’ taghha. Dan il-ftehim gie iffirmat minnha kif ukoll mir-rapprezentant taghhom liema ftehim gie esebit u mmarkat bhala dokument CSH. In segwitu ta’ dan il-ftehim bdew jaghmlu r-reklamar kif obbligaw ruhhom li jaghmlu, pero’ effettivament ghamlu d-doppju tar-reklamar li obbligaw ruhhom li jaghmlu. Kienu obbligaw ruhhom li jpoggu l-proprjeta’ in kwestjoni tliet darbiet fuq programm televiziv u fil-fatt din dehret tnax-il darba kif jidher mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok CSH 1. Kellha tidher sitt darbiet fuq il-*magazine* u effettivament din dehret tliet darbiet kif jidher fid-dokument li mmarkat Dok CSH 2, hallewha fuq il-web site sakemm sar il-kuntratt effettiv. Ikkonferma li l-kuntratt konkluziv sar, pero’ ma kellux id-data fuqu. Kien Edward Baldacchino li iffirma l-kuntratt ghan-nom tas-socjeta’ attrici. Mistoqsi jekk

hadux xi passi ohra qabel ma' bdew din il-kawza jghid li effettivament kien baghtilha ittra tramite l-avukat difensur tieghu. Mistoqsi jekk ircevewx xi risposta minghandha wiegeb li sakemm jiftakar ma rcevew l-ebda risposta minghandha.

**Edward Baldacchino** xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u dan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici fil-kwalita' tieghu ta' *sales representative* maghha. Ikkonferma li huwa kien ghamel spezzjoni fil-propjeta' tal-konvenuta Noemi Debattista, u kien spjegalha ezatt x'kien il-kuncett taghhom bhala *advertising*. Spjegalha wkoll il-hlasijiet kif kellhom isiru skont il-ftehim taghhom; kien sahansitra anke ghaddielha kopja tal-ftehim, liema ftehim jinsab esebit fl-atti mmarkat bhala dokument CSH1 a fol 10 u jghid li fuq dan il-ftehim hemm il-firma ta' Noemi Debattista kif ukoll il-firma tieghu.

Effettivament bdew bir-riklamar tal-proprjeta' taghha li tinsab gewwa l-Fgura, u zamm il-kuntatt maghha meta f'mument minnhom kien gie infurmat minn missier Noemi li effettivament kien sar il-konvenju fuq il-bejgh ta' din il-proprjeta'. Kien talbu sabiex itih kopja ta' dan il-konvenju peress li suppost kienu prezenti waqt l-iffirmar tieghu u dan weghdu li ser jghaddilu kopja, pero' l-kopja qatt ma waslet u ghalhekk huwa waqaf hemm.

Rat in-nota tal-konvenuta Noemi Debattista ipprezentata minn Dr. James D'Agostino nhar id-29 ta' Marzu 2012 li permezz taghha esebiet kopja tal-ftehim taghha mal-agenzija Remax ghall-bejgh tal-fond de quo.

**Mario Muscat** xehed fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li huwa jahdem fil-*head office* tar-Remax fil-business development taghhom. Huwa gie muri ricevuta esebita fl-atti a fol 33, mahruga fid-9 ta' Novembru 2010, li kienet ricevuta fiskali, u kkonferma li din l-ircevuta harget mill-ufficini taghhom. Ix-xhud ma jiktibx ricevuti, u ghalhekk mhux mahruga minnu. Huwa kkonferma li l-ircevuta hija taghhom pero' huwa ma rax flus ghaddejjin, ghax mhux kompitu tieghu. Generalment meta huma jkunu intitolati ghal xi kummissjoni, ikun hemm xi

rapprezentant taghhom fuq il-kuntratt u generalment jigbru l-flus fuq il-kuntratt, pero' naturalment skont kif ikunu miftehmin il-partijiet. Ix-xhud ma deherx fuq dan il-kuntratt u lanqas jaf jekk deherx xi hadd minn naha taghhom. Huwa gie muri dokument a fol 19 u ddikjara li dan id-dokument ma giex miktub minnu.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Lulju 2013 (fol. 49) fejn ordnat l-isfilz tad-dokument esebit fl-atti a fol 33 u cioe' r-ricevuta fiskali mahruga allegatament mis-socjeta' Remax u cioe dak id-dokument li dwaru tkellem Mario Muscat u dan ghaliex dan id-dokument baqa' ma giex kkonfermat minn min irrilaxjah.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta s-segwenti bhala fatti:

1. Illi s-socjeta' attrici toffri servizz ta' reklamar ghall-bejgh ta' proprjeta' ta' terzi u dan wara li tkun iffirmat skrittura maghhom.
2. Illi f'dan il-kaz, skond ix-xhieda ta' Edward Baldacchino li ma gietx kontestata mill-konvenuta, hija kienet iffirmat l-iskrittura esebita a fol. 10 u 11 Dok. CSH 1 fejn fiha ftehmu li s-socjeta' attrici kellha tiehu hsieb ir-reklamar tad-dar tal-konvenuta u cioe' Numru 3, St. Michael Flats, Triq il-Kopla, Fgura kemm fuq il-magazine taghha Owners Best, kemm fuq it-televizjoni, kif ukoll fuq il-website taghha u dan skond il-kundizzjonijiet hemm imsemmija.
3. Illi l-konvenuta b'dan il-ftehim intrabtet li jekk il-propjeta' tinbiegh hija kellha thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur pre likwidata u msemmija fil-ftehim Dok. CSH 1.
4. Illi ma hemmx dubbju li s-socjeta' attrici fil-fatt segwiet l-obbligi taghha assunti permezz ta' dan il-ftehim Dok CSH 1 u dan ghaliex ghamlet reklamar tal-fond proprjeta' tal-konvenuta kemm fuq it-television, kif ukoll fil-magazine taghha u fuq l-internet kif jidher mid-dokumenti esebiti a fol. 12 et seq.

5. Gara illi skond ix-xhieda ta' Edward Baldacchino li gie nfurmat li kien hemm persuna ohra tghix fil-post u wara xi zmien ikkomunika mal-konvenuta u qaltlu li kienet ghamlet konvenju fuq il-fond.

6. Illi nonostante li Edward Baldaccchino qal hekk fix-xhieda tieghu l-konvenuta qatt ma dehret sabiex tikkontradixxi dak li ntqal fil-konfront taghha.

7. Illi jirrizulta li minkejja dan kollu, is-socjeta' attrici ghadha ma rceviet l-ebda hlas.

8. Illi l-konvenuta eccepiet fl-eccezzjonijiet taghha li l-ammont mitlub ma kienx dovut pero' fil-mori tal-kawza qatt ma dehret sabiex tissostanzja tali eccezzjoni.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta b'dan illi tilqa' t-talba attrici u ghalhekk qieghda prezenjalment tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba fir-rikors promotur kif miftiehem minnha fid-dokument CSH 1 u cioe' s-somma ta' sitt elef, sitt mija u tmien ewro (€6,608).**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur inkluz dawk tal-ittra ufficjali prezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-23 ta' Mejju 2010 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat mal-istess ittra, u bl-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali sal-hlas effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------